**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2002

Citazzjoni numru 2627/99 AJM

Kawza numru

Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta Antoine Auto Dealer

Vs

Mark u Rita konjugi Attard

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li fiz-zminijiet diversi l-attur biegh diversi vetturi bil-mutur ossia karozzi lill-konvenut Mark Attard; in rigward ta' dan il-bejgh il-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma bilancjali ta' tlettax il-elf erba' mija u hamsin lira maltin (LM13,450) u dan kif jirrizulta mill-anness rendikont li qed jigi mmarkat Dok A, iffirmat kemm mill-attur u kif ukoll mill-konvenut Mark Attard; illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom ebda ragunijiet jew eccezzjonijiet validi xi jressqu jew jissollevaw kontra t-talbiet attrici, u

dan kif konfermat ukoll bil-gurament fl-anness affidavit tal-attur; illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati ghal hlas huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti ai termini tal-artikoli 167 et seq. Tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-Qorti taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh u skond procedura specjali sommarja; talab li din il-Qorti:-

1. taqta' u tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikoli 167 et seq. Tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;
2. tiddikjara illi l-konvenuti huma veri, certi u likwidi debituri ta' l-attur fis-somma ta' LM13,450 rappresentanti bilanc minn somma akbar ghall-prezz ta' vetturi bil-mutur ossia karozzi mibjugha u kkonsenjati mill-attur lill-konvenuti;
3. tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' LM13,450 u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru presentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-ista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2000 meta l-konvenuti nghataw l-fakolta' li jikkontestaw t-talbiet attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fit-28 ta' Jannar 2000 li permezz taghha eccepew:-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes kontra l-attur peress illi l-eccipjenti qatt ma xtraw l-ebda karozza minghand l-attur, mhumiex debituri tieghu u ma ghandhom jaghtuh xejn;
2. illi l-attur u l-eccipjenti Mark Attard it-tnejn jinnegozjaw il-vetturi bil-mutur uzati u r-relazzjoni ta' bejniethom tikkonsisti unikament fil-ftehim bejn il-kontendenti fejn l-attur jikkunsinna xi vetturi uzati lill-eccipjent 'on consignment' sabiex minnu jinbieghu lill-terzi;
3. illi l-kuntratti ta' kull karozza uzata tal-attur, mibjugha bl-intervent tal-eccipjent, sar direttament bejn l-attur u x-xerrej misjub mill-eccipjent u l-istess attur thallas direttament mix-xerrej jew cash jew permezz ta' kambjali.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti, osservat ukoll li l-konvenuti, minkejja li gew moghtija diversi opportunitajiet sabiex jressqu l-provi taghhom dawn naqsu u kien ghalhekk li fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2002 l-Qorti ddikjarat maghluqa l-provi u ddifferiet l-kawza ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta tat-12 ta' April 2002 f'liema data l-istess konvenuti u d-difensur taghhom regghu ma deherux. F'dik l-okkazzjoni ghalhekk il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu dikjarati debituri tieghu u konsegwentement kkundannati jhallsuh is-somma ta' LM13,450 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' vetturi mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut Mark Attard. Il-konvenuti, da parti taghhom, qed jghidu li huma qatt ma xtraw xejn minghand l-attur izda li biss kien hemm arrangament bejn il-kontendenti, cioe l-attur u Mark Attrd, li huma t-tnejn fin-negozju tal-bejgh ta' 'second hand cars', fis-sens li l-attur kien jghaddi xi vetturi lill-konvenut 'on consignment' biex l-istess konvenut ibbieghhom ghan-nom ta' l-attur u dan wara jithallas mix-xerrej.

Il-konvenut ma ressaq ebda prova dwar din l-allegazzjoni kif kien mistenni minnu anke in vista tad-dokument 'A' anness mac-citazzjoni (fol 5). Ghal kuntrarju l-attur ressaq kopji tal-folji kollha tal-ledger minn fejn jirrizulta n-negozju li sar mal-konvenut u fejn dan dejjem jissemma bhala "sale" mill-attur lill-konvenut. Resssaq kopji tal-kambjali li l-istess konvenut kien jiffirma in konnessjoni mal-bilanci dovuti minnu. Xhed huwa stess fejn spjega b'mod dettaljat r-relazzjoni li huwa kellu mal-konvenut u r-raguni lghala din giet terminata u l-bilanc dovut rikjest. Anke ressaq diversi xhieda li kkorroboraw dak li qed jghid dwar in-natura tan-negozju li huwa kellu mal-konvenut - u cioe dak ta' bejgh.

Mil-provi prodotti din il-Qorti hija altru li sodisfatta li l-attur pprova t-talba tieghu u li effettivament huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma indikata fic-citazzjoni. Ghal kuntrarju jidher li l-konvenut ma pprova xejn minn dak li kien qed jallega fin-nota tal-eccezzjonijiet u hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-konvenut kellu biss interess li jerbah iz-zmien, dan jidher mid-diversi differimenti li rnexxielu jottjeni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-attur fis-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u hamsin lira maltin (LM13,450) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont hekk dikjarat dovut bl-imghax legali mill-20 ta' Ottubru 1999 u cioe d-data tal-iffirmar tad-dokument A sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri